KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
JÄÄSKINEN
ippreżentati fit-23 ta’ April 2015[1]

**Kawża C-69/14**

**Dragoş Constantin Târşia**
**vs**
**Statul român**
**Serviciul public comunitar regim permise de conducere si inmatriculare a autovehiculelor**

[talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunalul, Sibiu (ir-Rumanija)]

“Leġiżlazzjoni ta’ Stat Membru li tippermetti stħarriġ ta’ deċiżjonijiet definittivi (ġudizzjarji) bi ksur tad-dritt tal-Unjoni meħuda fid-dritt ta’ proċeduri amministrattivi iżda mhux fi proċeduri ċivili — Talba għal reviżjoni ta’ deċiżjoni finali meħuda fir-rigward ta’ taxxa ta’ tniġġis fuq vetturi bil-mutur fi proċeduri ċivili — Res judicata — Prinċipji ta’ effettività u ekwivalenza — Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali”

## I – **Introduzzjoni**

1. Fl-2007 ir-rikorrent beda proċeduri quddiem qorti ċivili Rumena biex jirkupra taxxa speċjali fuq vetturi bil-mutur li kien ħallas għal karozza importata minn Stat Membru ieħor. Il-ħlas kien dovut minħabba li r-reġistrazzjoni fir-Rumanija mill-awtorità governattiva rilevanti kienet tiddependi mill-produzzjoni ta’ prova tal-ħlas tat-taxxa speċjali fuq vetturi bil-mutur. Iktar tard, f’April 2011, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet fis-sentenza Tatu li l-Artikolu 110 TFUE kien jipprekludi lir-Rumanija milli tiġbor taxxa ta’ tniġġis fuq vetturi bil-mutur mal-ewwel reġistrazzjoni tagħhom f’dak l-Istat Membru jekk it-taxxa kienet imposta b’mod li kienet tiskuraġġixxi t-tqegħid fiċ-ċirkulazzjoni fir-Rumanija ta’ vetturi bil-mutur użati mixtrija fi Stati Membri oħra, mingħajr ma tiskuraġġixxi x-xiri ta’ vetturi użati tal-istess għadd ta’ snin u kundizzjoni fis-suq domestiku[2].

2. Qabel id-deċiżjoni f’Tatu, it-talba tar-rikorrent dwar l-irkupru tal-parti tat-taxxa speċjali li tikkorrispondi għat-taxxa ta’ tniġġis kienet ġiet miċħuda b’sentenza ċivili li kienet saret finali skont id-dritt Rumen. Għalhekk ir-rikorrent jargumenta li d-dritt tal-Unjoni jeżiġi li huwa jingħata l-opportunità li jirkupra t-taxxa, l-iktar minħabba li l-leġiżlazzjoni Rumena tagħmel eċċezzjoni għal *res judicata* għal sentenzi li jisfaw inkompatibbli mad-dritt tal-Unjoni, iżda biss għal sentenzi mogħtija fi proċeduri amministrattivi.

1 — Lingwa oriġinali: l-Ingliż.

2 — Sentenza Tatu, C-402/09, EU:C:2011:219.

3. Skont il-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, imposti miġbura bi ksur tad-dritt tal-Unjoni, u ammonti mħallsa lill-Istat jew miżmuma minnu direttament relatati ma' dik it-taxxa, għandhom jitħallsu lura, flimkien mal-interessi, sabiex is-sitwazzjoni li kienet teżisti qabel ma ngħabar l-ammont tiġi rriprestinata[3]. Madankollu, fl-istess waqt il-Qorti tal-Ġustizzja rrikonoxxiet li l-prinċipju ta' *res judicata*, li huwa mnaqqax fis-sistemi legali tal-Istati Membri kollha, u fid-dritt tal-Unjoni nnifsu[4], japplika għal sentenzi ta' qrati nazzjonali li jkunu saru finali, anki jekk ikunu jidhru li jkunu inkonsistenti mad-dritt tal-Unjoni[5]. Dan ifisser li, f'xi ċirkustanzi, rifużjoni ta' imposti bħal dawn tista' (legalment) tiġi miċħuda.

4. Madankollu, minħabba l-limitazzjonijiet li d-dritt tal-Unjoni jqiegħed fuq l-awtonomija proċedurali tal-Istati Membri, jekk id-dritt nazzjonali jipprovdi eċċezzjonijiet għall-prinċipju ta' *res judicata*, billi jippermetti li sentenzi finali jerġgħu jinfetħu f'ċerti ċirkustanzi, allura dan il-passaġġ eċċezzjonali għandu wkoll ikun miftuħ meta s-sentenza finali inkwistjoni tkun inkompatibbli mad-dritt tal-Unjoni[6].

5. Dan il-każ, għalhekk, jagħti lill-Qorti tal-Ġustizzja l-opportunità li tiżviluppa l-ġurisprudenza tagħha dwar ir-relazzjoni bejn *res judicata* u s-supremazija tad-dritt tal-Unjoni. B'mod iktar partikolari, huwa għandu jitqies fid-dawl tal-prinċipju ta' koperazzjoni leali tal-Artikolu 4(3) TUE, ta' diversi dispożizzjonijiet tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, jiġifieri d-dritt għal rimedju effettiv tal-Artikolu 47, u l-ugwaljanza f'għajnejn il-liġi kif iggarantita mill-Karta fl-Artikolu 20, flimkien mal-bażijiet konvenzjonali li fuqhom regoli dwar *res judicata* kienu kkontestati għall-konformità mad-dritt tal-Unjoni, jiġifieri mal-prinċipji ta' effettività u ta' ekwivalenza[7].

## I – **Il-kuntest ġuridiku**

6. L-Artikolu 148 tal-Kostituzzjoni Rumena[8] jirrikonoxxi s-supremazija tad-dritt tal-Unjoni, u jobbliga lill-Parlament, lill-President tar-Rumanija, lill-Gvern u lill-ġudikatura sabiex jiggarantuha.

7. L-Artikolu 322 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili Rumena[9] jgħid kif ġej:

"Ir-reviżjoni ta' sentenza li tkun saret finali wara appell jew għax ma jkun sar ebda appell, u sentenza dwar il-mertu mill-qorti tal-appell, tista' tintalab fil-każijiet li ġejjin:

[…]9 jekk il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem tkun sabet ksur ta' drittijiet jew ta' libertajiet fundamentali minħabba deċiżjoni ġudizzjarja u l-konsegwenzi gravi ta' dak il-ksur jissoktaw jippersistu, u jista' jkollhom rimedju biss b'reviżjoni tas-sentenza;

3 — Ara s-sentenza Manea, C-76/14, EU:C:2015:216, punti 46 u 50. Ara wkoll is-sentenza Nicula (C-331/13, EU:C:2014:2285), il-punti 27 u 28 u l-ġurisprudenza ċċitata.

4 — Il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat ukoll li r-*res judicata* tapplika għad-deċiżjonijiet tagħha stess. Ara pereżempju s-sentenza Il-Kummissjoni vs Il-Lussemburgu (C-526/08, EU:C:2010:379), il-punt 26 u 27; u s-sentenza ThyssenKrupp Nirosta vs Il-Kummissjoni (C-352/09 P, EU:C:2011:191), il-punt 123.

5 — Ara partikolarment is-sentenza Impresa Pizzarotti (C-213/13, EU:C:2014:2067); is-sentenza Fallimento Olimpiclub (C-2/08, EU:C:2009:506); is-sentenza Kempter (C-2/06, EU:C:2008:78); is-sentenza Lucchini (C-119/05, EU:C:2007:434); is-sentenza i-21 Germany u Arcor (C-392/04 u C-422/04, EU:C:2006:586); is-sentenza Kapferer (C-234/04, EU:C:2006:178); is-sentenza Kühne & Heitz (C-453/00, EU:C:2004:17). Dwar ir-*res judicata* u proċeduri arbitrali ara s-sentenza Eco Swiss (C-126/97, EU:C:1999:269); is-sentenza Asturcom Telecomunicaciones (C-40/08, EU:C:2009:615). Ara wkoll id-diskussjoni dwar ir-rilevanza tar-*res judicata* għall-iżvilupp ta' regoli dwar danni minħabba ksur tad-dritt tal-Unjoni minn awtoritajiet ġudizzjarji li seħħ fis-sentenza Köbler (C-224/01, EU:C:2003:513).

6 — Pereżempju s-sentenza Kapferer (C-234/04, EU:C:2006:178) il-punt 22 u l-ġurisprudenza ċċitata; u s-sentenza Impresa Pizzarotti (C-213/13, EU:C:2014:2067), il-punt 62.

7 — Ara l-iktar reċenti s-sentenza Impresa Pizzarotti (C-213/13, EU:C:2014:2067).

8 — Il-Kostituzzjoni tal-21 ta' Novembru 1991, immodifikata u kkompletata mil-Liġi Nru 429/2003, ippubblikata mill-ġdid fil-Monitorul Oficial al României Nru 767 tal-31 ta' Ottubru 2003.

9 — Codul de procedură civilă ippromulgat bid-Digriet tad-9 ta' Settembru 1869, ippubblikat mill-ġdid fil-Monitorul Oficial al României, Parti 1, Nru 45 tal-24 ta' Frar 1948, kif emendat u kkompletat, fis-seħħ sal-15 ta' Frar 2013.

10 jekk, wara li sentenza ssir finali, il-Curtea Constituțională (Qorti Kostituzzjonali) tiddeċiedi dwar it-talba [ta' antikostituzzjonalità] magħmula fil-kawża, billi tiddikjara l-liġi bħala antikostituzzjonali, id-digriet jew dispożizzjoni speċifika tal-liġi jew digriet li jkunu s-suġġett tat-talba jew dispożizzjonijiet oħra tal-miżuri kkontestati, li b'mod ċar ma jkunux jistgħu jiġu sseparati mid-dispożizzjonijiet msemmija fir-rinviju lill-Curtea Constituțională."

8. L-Artikolu 21(1) tal-Liġi Nru 554/2004 dwar proċeduri amministrattivi [10] jgħid li "l-forom ta' azzjoni pprovduti mill-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili jistgħu jkunu eżerċitati kontra deċiżjonijiet irrevokabbli u definittivi meħuda minn organi ta' proċeduri amministrattivi."

9. L-Artikolu 21(2) tal-Liġi Nru 554/2004 [11] jipprovdi li "barra minn dak ipprovdut mill-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili, sentenzi li jkunu saru finali u vinkolanti u li jiksru s-supremazija tad-dritt Komunitarju rregolata mill-Artikolu 148(2) moqri flimkien mal-Artikolu 20(2) tal-Kostituzzjoni Rumena, kif emendata, għandhom jikkostitwixxu motivi għal reviżjoni."

10. Skont l-Artikolu 175(1) tal-Kodiċi ta' Proċedura Fiskali Rumena [12], tista' titressaq oġġezzjoni kontra kull talba dwar taxxa u wkoll kontra l-atti amministrattivi fiskali kollha. Oġġezzjoni bħal din li hija mezz ta' appell amministrattiv intern ma tipprekludix lil dawk li jġarrbu ħsara minn att amministrattiv fiskali, jew minħabba l-assenza ta' tali att, milli jirrikorru għal proċeduri ġudizzjarji skont il-liġi. Deċiżjoni meħuda minn awtorità kompetenti minħabba oġġezzjoni għal talba dwar taxxa tista', skont l-Artikolu 188(2) tal-Kodiċi ta' Proċedura Fiskali, tiġi kkontestata quddiem organu kompetenti ta' proċeduri amministrattivi.

11. L-Ordonanța de urgență a Guvernului (iktar 'il quddiem l-"OUG") Nru 50/2008 introduċiet taxxa (msejħa "taxxa ta' tniġġis") fuq vetturi bil-mutur fil-kategoriji M1 sa M3 u N1 sa N3 [13].

## II – **Il-fatti, il-proċeduri ewlenin, id-domanda preliminari u l-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja**

12. Fit-3 ta' Mejju 2007 D. C. Târșia, ir-rikorrent fil-proċeduri ewlenin, xtara karozza li qabel kienet irreġistrata fi Franza. Kif imsemmi iktar 'il fuq, ir-reġistrazzjoni fir-Rumanija kienet tiddependi dak iż-żmien mill-produzzjoni ta' prova tal-ħlas ta' taxxa speċjali fuq vetturi bil-mutur. Il-vettura bil-mutur kienet irreġistrata fis-6 ta' Ġunju 2007, wara li r-rikorrent kien ħallas, fil-5 ta' Ġunju 2007, is-somma ta' RON 6899.51 bħala taxxa speċjali fuq vetturi.

10 — Legea contenciosului amministrattiva Nru 554 tat-2 ta' Diċembru 2004, ippubblikata fil-*Monitorul Oficial al României* Nru 1154 tas-7 ta' Diċembru 2004, kif emendata u kkompletata.

11 — Adottata bl-Artikolu 1(30) tal-Liġi Nru 262/2007, ippubblikata fil-*Monitorul Oficial al României* Nru 510 tat-30 ta' Lulju 2007, u rrevokata bil-Liġi Nru 299/2011, ippubblikata fil-*Monitorul Oficial al României* Nru 916 tat-22 Diċembru 2011. B'sentenza Nru 1039/2012 tal-Curtea Constituțională din l-aħħar liġi kienet iddikjarata antikostituzzjonali.

12 — Adottata bid-Digriet tal-Gvern Nru 92 tal-24 ta' Diċembru 2003. Kienet ippubblikata mill-ġdid fil-*Monitorul Oficial al României* Nru 513 tal-31 ta' Lulju 2007, immodifikata u iktar tard ikkompletata.

13 — L-Artikolu 3 tal-Ordni ta' Emerġenza tal-Gvern Nru 50/2008 li tintroduċi taxxa ta' tniġġis fuq vetturi bil-mutur (Ordonanță de urgență a Guvernului nr. 50/2008 pentru instituirea taxei pe poluare pentru autovehicule) tal-21 ta' April 2008 (*Monitorul Oficial al României*, Partea I, No 327, 25 April 2008; "OUG No 50/2008"), li daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2008, tintroduċi taxxa ta' tniġġis fuq vetturi bil-mutur fil-kategoriji M1 sa M3 u N1 sa N3. Il-Kategorija "M" tinkludi "vetturi bil-mutur b'ta' l-inqas erba' roti, mfassla u mibnija għall-ġarr ta' passiġġieri". Il-Kategorija "N" tikkomprendi "vetturi bil-mutur b'ta' l-inqas erba' roti, mfassla u mibnija għall-ġarr ta' prodotti". Ara wkoll l-Anness II tad-Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Settembru 2007 li tistabbilixxi kwadru għall-approvazzjoni ta' vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi (Direttiva Kwadru) (ĠU L 263, p. 1).

13. Ir-rikorrent talab rifużjoni tat-taxxa quddiem qorti ċivili fuq il-bażi li t-taxxa miġbura kienet inkonsistenti mal-Artikolu 90 (KE) [illum l-Artikolu 110 TFUE] minħabba li introduċiet miżura fiskali diskriminatorja ta' tassazzjoni interna fuq oġġetti mill-Istati Membri l-oħra li kienet wisq ikbar minn taxxi miġbura minn fuq oġġetti simili u mibjugħa fis-suq nazzjonali. B'sentenza ċivili Nru 6553/2007 tat-13 ta' Diċembru 2007 il-Judecătoria Sibiu (Qorti tal-Ewwel Istanza, Sibiu) laqgħet ir-rikors u ordnat lill-Istat Rumen sabiex jirrifondi t-taxxa.

14. Madankollu l-Istat Rumen appella minn dik is-sentenza, u rebaħ l-appell b'Deċiżjoni ċivili Nru 401/2008 tat-Tribunalul Sibiu (Qorti Distrettwali, Sibiu), li ordna lill-Istat Rumen sabiex jirrifondi biss parti mit-taxxa miġbura; jiġifieri d-differenza bejn dik imħallsa fil-5 ta' Ġunju 2007, fir-rigward tat-taxxa speċjali fuq vetturi bil-mutur, u l-ammont li r-riżulta mill-applikazzjoni tal-OUG Nru 50/2008 u t-taxxa ta' tniġġis tagħha fuq vetturi bil-mutur [14].

15. Fid-29 ta' Settembru 2011 D. C. Târșia talab reviżjoni tad-Deċiżjoni ċivili Nru 401/2008 quddiem it-Tribunalul Sibiu, fuq il-bażi tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 21(2) tal-Liġi Nru 554/2004 u tad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta' April 2011 fil-kawża Tatu, C-402/09, EU:C:2011:219, imsemmija hawn fuq, fejn il-Qorti tal-Ġustizzja rriteniet li l-Artikolu 110 TFUE kien irrenda taxxa bħal dik tat-taxxa ta' tniġġis fuq vetturi bil-mutur introdotta mill-OUG Nru 50/2008 bħala inkompatibbli mad-dritt tal-Unjoni. D. C. Târșia argumenta li huwa kien intitolat għall-irkupru tat-taxxi kollha mħallsa minħabba s-supremazija tad-dritt tal-Unjoni u l-konstatazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja f'Tatu.

16. Skont id-digriet tar-rinviju ma kienx possibbli, f'dak l-istadju tal-proċeduri, li tiġi kkontestata d-Deċiżjoni ċivili Nru 401/2008 fil-qrati ordinarji. Ma hemmx rimedju proċedurali fil-proċedura ċivili bħall-Artikolu 21(2) tal-Liġi Nru 554/2004 dwar sentenzi finali li jiksru s-supremazija tad-dritt tal-Unjoni. It-Tribunalul Sibiu, għalhekk, qies li huwa kien obbligat jagħmel id-domanda preliminari li ġejja lill-Qorti tal-Ġustizzja skont l-Artikolu 267 TFUE.

"L-Artikoli 17, 20, 21 u 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, l-Artikolu 6 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, l-Artikolu 110 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, il-prinċipju ta' ċertezza legali stabbilit mid-dritt Komunitarju [tal-Unjoni] u l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jistgħu jiġu interpretati bħala li jipprekludu leġiżlazzjoni bħall-Artikolu 21(2) tal-Liġi Nru 554/2004 li jipprovdi għal reviżjoni interna ta' sentenzi ta' qrati nazzjonali mogħtija esklużivament fi kwistjonijiet kontenzjużi amministrattivi bi ksur tal-prinċipju ta' supremazija tad-dritt Komunitarju [tal-Unjoni] u li ma jippermettux il-possibbiltà li jirrevedu deċiżjonijiet ta' qrati nazzjonali mogħtija f'kuntesti li ma humiex proċeduri kontenzjużi amministrattivi (ċivili, kriminali) fil-każ ta' ksur tal-istess prinċipju ta' supremazija tad-dritt Komunitarju [tal-Unjoni] f'dawn is-sentenzi[?]"

17. Osservazzjonijiet bil-miktub intbagħtu minn D. C. Târșia, mill-Gvernijiet tar-Rumanija u tal-Polonja u mill-Kummissjoni. Huma pparteċipaw ilkoll waqt is-seduta li saret fis-27 ta' Jannar 2015.

14 — Skont silta mill-osservazzjonijiet bil-miktub tar-Rumanija, li ma ġietx ikkontestata minn D. C. Tarsia, fit-13 ta' Ġunju 2008 huwa ppreżenta rikors straordinarju għall-annullament tad-Deċiżjoni ċivili Nru 401/2008, imma dan kien irtirat fl-24 ta' Settembru 2008.

## III – **Ammissibbiltà**

18. Fl-opinjoni tiegħi, id-domanda preliminari hija inammissibbli sa fejn din titlob gwida dwar jekk il-preklużjoni tar-reviżjoni ta' deċiżjonijiet ġudizzjarji nazzjonali mogħtija fi proċeduri kriminali, meta jkun hemm ksur tas-supremazija tad-dritt tal-Unjoni Ewropea, hijiex inkompatibbli mad-dritt tal-Unjoni [15].

19. Kif innotat fl-osservazzjonijiet bil-miktub tal-Polonja, din il-parti tad-domanda hija purament ipotetika, ladarba l-applikazzjoni ta' *res judicata* għal sentenzi kriminali ma għandhiex rabta mas-suġġett tal-proċeduri ewlenin. Hija ġurisprudenza stabbilita li l-Qorti tal-Ġustizzja tista' tirrifjuta li tiddeċiedi dwar domanda preliminari mressqa għal deċiżjoni preliminari minn qorti nazzjonali meta jkun jidher b'mod manifest li l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni mitluba ma jkollha ebda relazzjoni mal-fatti attwali tal-azzjoni ewlenija jew mal-għan tagħha u meta l-problema tkun ipotetika [16]. Ladarba l-kawża prinċipali ma hijiex dwar sentenza mogħtija fi proċeduri kriminali, id-domanda preliminari hija inammissibbli sa fejn din titlob kjarifika dwar il-kompatibbiltà tad-dritt Rumen fir-rigward ta' proċedura kriminali mad-dritt tal-Unjoni.

## IV – **Analiżi**

### A – *Dwar il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fuq ir-res judicata*

20. Id-dritt tal-Unjoni ma jeżiġix li qorti nazzjonali ma tapplikax regoli domestiċi ta' proċedura li jikkonferixxu finalità lil deċiżjoni anki jekk nuqqas ta' applikazzjoni bħal dan jgħin lill-qorti nazzjonali sabiex tirrimedja ksur tad-dritt tal-Unjoni mid-deċiżjoni inkwistjoni [17]. Għalhekk, bħala kwistjoni ta' dritt tal-Unjoni, rikorrenti huma preklużi milli jistrieħu fuq deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja meħuda wara li jkunu skadew il-perijodi ta' limitazzjoni ta' Stat Membru sabiex jissewwa nuqqas li seta' kien ġie kkontestat fil-qafas ta' żmien xieraq. Skont id-dritt tal-Unjoni r-*res judicata* tipproteġi n-nuqqas [18].

21. Madankollu l-pożizzjoni tinbidel jekk norma tad-*dritt ta' Stat Membru* tagħmel eċċezzjoni għall-prinċipju ta' *res judicata*. Jekk tagħmel hekk, allura hija għandha tkun applikabbli għal deċiżjonijiet dwar id-dritt tal-Unjoni li jkunu bħat-talbiet ta' natura purament domestika li għalihom tkun tapplika l-eċċezzjoni. Barra dan, l-eċċezzjoni tal-Istat Membru għal *res judicata* ma għandhiex tkun inkwadrata b'mod li tagħmilha impossibbli fil-prattika jew eċċessivament diffiċli għall-eżerċizzju ta' drittijiet mogħtija mid-dritt tal-Unjoni [19].

15 — Il-qorti nazzjonali tagħmel ukoll riferiment għall-Artikoli 17 (dwar id-Dritt għall-Proprjetà) u 21 (dwar Nondiskriminazzjoni) tal-Karta. Dawn id-dispożizzjonijiet huma relatati biss remotament mal-kwistjonijiet rilevanti, jiġifieri li talba dwar taxxa b'rabta ma' rkupru ta' taxxa miġbura indebitament jidher li tikkostitwixxi dritt għall-proprjetà fid-dritt Rumen skont l-Artikolu 21(1) u (4) tal-Kodiċi ta' Proċedura Fiskali, u l-illegalità tat-taxxa ta' tniġġis għandha rabta mad-diskriminazzjoni kontra karozzi użati importati. Madankollu dawn id-dispożizzjonijiet ma jgħinux wisq għall-analiżi legali ta' dan il-każ, u mhux bi ħsiebni niddiskutihom ulterjorment.

16 — Sentenza Érsekcsanádi Mezőgazdasági (C-56/13, EU:C:2014:352), punt 36 u l-ġurisprudenza ċċitata.

17 — Sentenza Kapferer (C-234/04, EU:C:2006:178), punt 21. Din ir-regola għandha rabta mill-qrib mal-obbligu ta' rikorrenti li jfittxu li jinforzaw drittijiet li joriġinaw mid-dritt tal-Unjoni li jkunu konformi ma' limitazzjonijiet raġonevoli ta' żmien sabiex iressqu proċeduri stabbiliti mid-dritt tal-Istati Membri. Fi kliem ieħor, il-fatt li l-Qorti tal-Ġustizzja setgħet iddeċidiet li kien seħħ ksur tad-dritt tal-Unjoni ġeneralment ma jaffettwax il-punt tat-tluq tal-perijodu ta' limitazzjoni. Dan l-obbligu jista' jittaffa biss meta min jonqos ikun skuraġġixxa lir-rikorrent milli jressaq proċeduri fi żmien utli. Ara s-sentenza Iaia *et* (C-452/09, EU:C:2011:323), il-punti 17, 18, 21, 22 u l-ġurisprudenza ċċitata.

18 — Ara, b'mod simili, il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Geelhoed f'Lucchini (EU:C:2006:576), il-punt 46.

19 — Sentenza Kapferer (C-234/04, EU:C:2006:178), punt 22 u l-ġurisprudenza ċċitata; u s-sentenza Impresa Pizzarotti (C-213/13, EU:C:2014:2067), punt 62.

22. Għalhekk, pereżempju, il-Qorti tal-Ġustizzja rriteniet li l-eċċezzjonijiet għal *res judicata* applikati skont id-dritt ta' Stat Membru jistgħu jkunu suġġetti għal limitazzjonijiet raġonevoli ta' żmien sabiex jitressqu proċeduri fl-interessi taċ-ċertezza legali. Madankollu, limitazzjonijiet ta' żmien bħal dawn ma għandhomx ikunu tali li jirrendu prattikament impossibbli jew eċċessivament diffiċli l-eżerċizzju ta' drittijiet mogħtija mid-dritt tal-Unjoni [20].

23. Bil-maqlub, meta tilwima ma tkunx tikkonċerna eċċezzjoni nazzjonali għal *res judicata* li rikorrent jistrieħ fuqha sabiex jinforza drittijiet tal-Unjoni, bħalma huwa l-każ fil-kawża prinċipali, iżda pjuttost tkun tikkonċerna talba għal interpretazzjoni wiesgħa ta' regoli ta' Stat Membru dwar *res judicata* għall-protezzjoni ta' sentenzi *nazzjonali* li jistgħu jkunu inkonsistenti mad-dritt tal-Unjoni, ikun ġust jingħad li l-Qorti tal-Ġustizzja tkun iffavorixxiet is-supremazija tad-dritt tal-Unjoni fuq ir-*res judicata* [21].

24. Qabel ma nkompli, għandi niġbed l-attenzjoni għal żewġ sentenzi oħra prominenti, jiġifieri Kühne & Heitz, C-453/00, EU:C:2004:17 u Köbler, C-224/01, EU:C:2003:513. Kühne & Heitz kienet dwar il-kundizzjonijiet li taħthom awtorità amministrattiva kienet obbligata tistħarreġ waħda mid-deċiżjonijiet finali tagħha li kienet f'kunflitt ma' sentenza sussegwenti tal-Qorti tal-Ġustizzja. Kühne & Heitz, għalhekk, kienet relatata ma' livell iktar baxx ta' teħid ta' deċiżjonijiet iktar milli mal-problema fil-kawża prinċipali, u kienet tirrigwarda iktar speċifikament il-kwistjoni ta' jekk awtorità tat-taxxa fil-Pajjiżi l-Baxxi kellhiex tistħarreġ deċiżjoni amministrattiva finali minħabba sentenza sussegwenti tal-Qorti tal-Ġustizzja. Barra dan, din tista' tinżamm distinta minn din il-kawża għal motivi simili għal dawk invokati mill-Qorti tal-Ġustizzja f'Kapferer [22].

25. Id-deċiżjoni f'Köbler kienet dwar l-obbligu tal-Istati Membri li jikkumpensaw danni kkawżati mill-ogħla qorti fil-ġerarkija ġudizzjarja nazzjonali, f'dak il-każ l-Awstrija, minħabba li d-deċiżjoni kkonċernata kienet inkompatibbli mad-dritt tal-Unjoni. Għalhekk, Köbler hija relatata biss ma' sitwazzjoni li tista' tinqala' *wara* l-kawża prinċipali; jiġifieri azzjoni għal danni eventwali kontra l-Istat Rumen mir-rikorrent, jekk l-irkupru tat-taxxa ta' tniġġis jirriżulta li jkun impossibbli [23].

26. Kif wieħed jista' jara mill-analiżi ta' hawn fuq, ma hemmx deċiżjoni preċedenti tal-Qorti tal-Ġustizzja li tindirizza sitwazzjoni identika għal dik li għandu quddiemu D. C. Târșia. Filwaqt li l-kwistjonijiet legali li jinqalgħu fil-proċeduri ewlenin jeħtiġilhom jinħallu fl-isfond tal-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar ir-*res judicata*, huma jeħtiġilhom jitqiesu primarjament b'riferiment għal prinċipji tad-dritt tal-Unjoni dwar id-dritt għal rimedju ġudizzjarju effettiv. Huma dawn il-kwistjonijiet li jiena issa se nittratta.

20 — Sentenza Kempter (C-2/06, EU:C:2008:78), punti 58 u 59. Ara b'mod simili s-sentenza Eco Swiss (C-126/97, EU:C:1999:269) u s-sentenza Asturcom Telecomunicaciones (C-40/08, EU:C:2009:615).

21 — Ara s-sentenzi Impresa Pizzarotti (C-213/13, EU:C:2014:2067); is-sentenza Fallimento Olimpiclub (C-2/08, EU:C:2009:506); u Lucchini (C-119/05, EU:C:2007:434). Pereżempju, f'Lucchini, il-Qorti tal-Ġustizzja rriteniet fil-punt 62 li "l-evalwazzjoni tal-kompatibbiltà tal-miżuri ta' l-għajnuna mill-Istat jew ta' skema ta' għajnuna mas-suq komuni taqa' taħt il-kompetenza esklużiva tal-Kummissjoni, li taġixxi taħt il-kontroll tal-qorti Komunitarja. Din ir-regola tinsab fis-sistema ġuridika interna bħala konsegwenza tal-prinċipju tas-supremazija tad-dritt Komunitarju". Il-Qorti tal-Ġustizzja nnotat fil-punt 61 tas-sentenza Impresa Pizzarotti li Lucchini kienet tirrigwarda "sitwazzjoni tassew partikolari li fiha kienu kkontestati prinċipji li jirregolaw it-tqassim ta' kompetenzi bejn l-Istati Membri u l-Unjoni Ewropea fil-qasam tal-għajnuna mill-Istat".

22 — Il-Qorti tal-Ġustizzja osservat fis-sentenza Kapferer (EU:C:2006:178), fil-punt 23, li "[k]emm-il darba l-prinċipji li jemanaw minn [Kühne & Heitz] jistgħu jiġu trasposti f'kuntest li, bħal dak fil-kawża prinċipali, għandu x'jaqsam ma' deċiżjoni ġudizzjarja li għaddiet f'ġudikat, għandu jiġi mfakkar li din l-istess sentenza tissuġġetta l-obbligu tal-korp ikkonċernat, skond l-Artikolu 10 KE, li jeżamina mill-ġdid deċiżjoni definittiva li tidher li tkun ġiet adottata bi ksur tad-dritt Komunitarju, għall-kundizzjoni, b'mod partikolari, li l-imsemmi korp ikollu, skond id-dritt nazzjonali, is-setgħa li jerġa jmur lura fuq id-deċiżjoni (ara l-punti 26 u 28 ta' l-imsemmija sentenza). F'din il-kawża, biżżejjed jingħad li jirriżulta mid-deċiżjoni tar-rinviju li l-kundizzjoni msemmija iktar 'il fuq mhijiex sodisfatta."

23 — Ikun utli jissemmew hawnhekk żewġ eżempji mill-ġurisprudenza Finlandiża. Il-Qorti Amministrattiva Suprema ddeċidiet fl-2013 li azzjonijiet għall-irkupru tal-VAT miġbura minn taxxa fuq vetturi bil-mutur, f'kunflitt mal-interpretazzjoni adottata mill-Qorti tal-Ġustizzja fi Il-Kummissjoni vs Il-Finlandja (C-10/08, EU:C:2009:171), ma setgħux jitressqu wara li l-limitazzjoni taż-żmien ta' ħames snin applikabbli f'materji ta' taxxa b'mod ġenerali tkun skadiet (ara KHO 2013:199). B'kuntrast, il-Qorti Suprema kkunsidrat li tassazzjoni bħal din stabbilixxiet ir-responsabbiltà tal-Istat għal danni skont il-linja tal-ġurisprudenza ta' Francovich. (Ara KKO 2013:58).

B – *Analiżi tar-regoli nazzjonali kkontestati għall-kompatibbiltà mad-dritt tal-Unjoni*

1. Id-dritt proċedurali Rumen jgħin għall-protezzjoni ġudizzjarja effettiva tad-drittijiet inkwistjoni li joriġinaw mid-dritt tal-Unjoni?

27. Niftakar li, f'dan il-każ, id-dritt Rumen jipprovdi mezz speċifiku sabiex jiġu skartati sentenzi finali li, abbażi ta' ġurisprudenza sussegwenti tal-Qorti tal-Ġustizzja, jidher li huwa inkonsistenti mad-dritt tal-Unjoni. Madankollu, dan il-mezz huwa limitata għal sentenzi mogħtija fi proċeduri amministrattivi. Ma jistax jintuża sabiex jinqalbu sentenzi mogħtija fi proċeduri ċivili. U dan huwa hekk, minkejja li d-dritt Rumen jipprovdi wkoll li sentenzi ċivili li sussegwentement jinstabu li jiksru d-dritt kostituzzjonali Rumen, minħabba deċiżjoni (sussegwenti) tal-Qorti Kostituzzjonali Rumena, jistgħu wkoll jiġu annullati.

28. Qabelxejn, huwa importanti li wieħed jiftakar fil-limiti esterni tad-dmir ta' koperazzjoni leali stabbilit fl-Artikolu 4(3) TUE li huwa obbligu tal-Istati Membri, inklużi l-qrati tagħhom. Dan jeżiġi li huma għandhom "jieħdu kull miżura ġenerali jew partikolari xierqa sabiex jassiguraw li l-obbligi li joħorġu mit-Trattati [...] jitwettqu" u sabiex "joqogħdu lura minn kwalunkwe miżura li tista' tqiegħed f'periklu l-kisba ta' l-objettivi ta' l-Unjoni". Dan l-obbligu għandu jinqara flimkien mat-tieni subparagrafu tal-tal-Artikolu 19(1) TUE. Dan jipprovdi li "L-Istati għandhom jipprovdu r-rimedji meħtieġa sabiex jassiguraw protezzjoni legali effettiva fl-oqsma koperti mid-dritt ta' l-Unjoni."

29. Il-Qorti tal-Ġustizzja rriteniet li, "[f]ir-rigward tar-rimedji li għandhom jiġu previsti mill-Istati Membri […] la t-Trattat FUE u lanqas l-Artikolu 19 TUE ma kienu maħsuba sabiex joħolqu quddiem il-qrati nazzjonali, bl-iskop li jiġi osservat id-dritt tal-Unjoni Ewropea, rimedji għajr dawk stabbiliti mid-dritt nazzjonali." [24] Il-Qorti tal-Ġustizzja żiedet tgħid li "[j]kun jista' jingħad mod ieħor biss jekk mill-*istruttura* tal-ordinament ġuridiku nazzjonali inkwistjoni jirriżulta li ma hemm ebda rimedju li jippermetti, anki jekk b'mod inċidentali, li jiġi żgurat ir-rispett tad-drittijiet li l-individwi jgawdu bis-saħħa tad-dritt tal-Unjoni Ewropea, jew inkella jekk l-uniku mod sabiex l-individwi jkollhom aċċess għal qorti jkun billi jiksru l-liġi." [25] (Enfasi tiegħi).

30. Id-dritt għal rimedju effettiv huwa wkoll iggarantit mill-Artikolu 47(1) tal-Karta lil kull min jinkisrulu d-drittijiet tiegħu ggarantiti mill-dritt tal-Unjoni. Ma hemmx dubju li l-awtoritajiet Rumeni kienu qed jimplementaw id-dritt tal-Unjoni, skont l-Artikolu 51(1) tal-Karta tal-Unjoni, meta l-irkupru tal-parti tat-taxxa speċjali fuq vetturi bil-mutur li tikkorrispondi għat-taxxa ta' tniġġis ġie miċħud bi ksur tal-Artikolu 110 TFUE. Ir-rabta *ratione materiae* meħtieġa bejn il-miżuri kkontestati tal-Istat Membru u r-regoli sostantivi tal-Unjoni [26] neċessarjament teżisti meta Stat Membru jiġbor taxxa bi ksur tad-dritt primarju, u tabilħaqq sekondarju, tal-Unjoni. Il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tkompli tikkonferma li, kull meta individwu jitlob rimedju ġudizzjarju sabiex isewwi ksur tad-dritt tal-Unjoni dwar l-implementazzjoni tiegħu minn Stat Membru, il-qrati tal-Istat Membru huma marbuta bir-rekwiżiti kollha tal-Artikolu 47 tal-Karta [27].

31. Niftakar li fl-assenza ta' regoli tal-Unjoni dwar l-irkupru ta' taxxi nazzjonali miġbura indebitament, hija s-sistema legali domestika ta' kull Stat Membru, skont il-prinċipju tal-awtonomija proċedurali tal-Istati Membri, li għandha tindika l-qrati u t-tribunali li jkollhom ġurisdizzjoni u li tistabbilixxi r-regoli proċedurali ddettaljati li jirregolaw azzjonijiet fid-dritt għall-ħarsien tad-drittijiet li persuni taxxabbli għandhom taħt id-dritt tal-Unjoni. L-Istati Membri, madankollu, għandhom

24 — Sentenza Inuit Tapiriit Kanatami *et* vs Il-Parlament u Il-Kunsill (C-583/11 P, EU:C:2013:625) punt 103, li tiċċita s-sentenza Unibet, C-432/05, EU:C:2007:163, punt 40.

25 — Sentenza Inuit Tapiriit Kanatami *et* vs Il-Parlament Ewropew u Il-Kunsill (EU:C:2013:625), punt 104.

26 — Sentenza Åkerberg Fransson (C-617/10, EU:C:2013:105), punt 24.

27 — Sentenza DEB (C-279/09, EU:C:2010:811).

ir-responsabbiltà sabiex jiżguraw li dawn id-drittijiet ikunu protetti effettivament f'kull każ. Ir-regoli proċedurali ddettaljati li jirregolaw azzjonijiet għall-ħarsien tad-drittijiet ta' persuni taxxabbli taħt id-dritt tal-Unjoni ma għandhomx ikunu inkwadrati b'tali mod li jagħmel l-eżerċizzju ta' drittijiet mogħtija mid-dritt tal-Unjoni impossibbli fil-prattika jew eċċessivament diffiċli [28].

32. F'dan ir-rigward, il-leġiżlazzjoni Rumena, u iktar speċifikament il-Kodiċi ta' Proċedura Fiskali, jagħtu aċċess għal tribunali amministrattivi u fiskali u għal awli amministrattivi u fiskali ta' qrati tal-appell skont il-każ [29], f'sitwazzjonijiet fejn deċiżjonijiet ta' awtoritajiet tat-taxxa jiġu kkontestati, inklużi talbiet li jikkonċernaw ir-restituzzjoni ta' taxxi miġbura illegalment [30]. Dawn il-mezzi ta' rimedju jidhru li japplikaw ukoll f'sitwazzjonijiet li fihom deċiżjonijiet dwar taxxi jiġu kkontestati b'riferiment għad-drittijiet li joriġinaw mid-dritt tal-Unjoni. Għalhekk, il-leġiżlazzjoni Rumena, *prima facie*, tiżgura protezzjoni ġudizzjarju effettiva fir-rigward ta' dawn id-drittijiet.

33. Barra dan, bl-Artikolu 21(2) tal-Kodiċi tal-Liġi Nru 544/2004 dwar proċeduri amministrattivi, deċiżjonijiet finali ta' organi ta' proċeduri amministrattivi jistgħu jiġu annullati meta jkunu jidhru li jkunu inkompatibbli mad-dritt tal-Unjoni minħabba sentenza sussegwenti tal-Qorti tal-Ġustizzja. Fid-dawl tal-ġurisprudenza msemmija iktar 'il fuq tal-Qorti tal-Ġustizzja relatata mal-kwistjoni speċifika ta' *res judicata*, dan imur iktar lil hinn milli huwa meħtieġ mid-dritt tal-Unjoni [31].

2. Kwistjonijiet dwar id-dritt tal-Unjoni li jinqalgħu minħabba nuqqas ta' ċarezza fil-liġi proċedurali Rumena rilevanti

34. Madankollu, kif diġà nnotajt, ir-regoli proċedurali nazzjonali *kollha* li huma rilevanti għall-inforzar tad-dritt tal-Unjoni, inklużi eċċezzjonijiet għal *res judicata*, għandhom ikunu konformi mad-dritt ta' rimedju effettiv, u mal-prinċipji ta' effettività u ta' ekwivalenza. Id-diffikultà tinqala', f'dan il-każ, fir-rigward tan-nuqqas ta' ċarezza li dehret li kienet inerenti fid-dritt proċedurali Rumen fiż-żmien rilevanti meta kienu istitwiti għall-ewwel darba proċeduri minn D. C. Târşia sabiex huwa jirkupra t-taxxa speċjali fuq vetturi f'Ġunju 2007 quddiem qorti ċivili [32].

35. Fl-opinjoni tiegħi, jista' jiġi argumentat li n-nuqqas ta' ċarezza fid-dritt proċedurali Rumen kien inkonsistenti mal-Artikolu 47 tal-Karta, mar-rekwiżiti tad-dritt tal-Unjoni taċ-ċertezza legali, u li dan seta' għamel l-irkupru tat-taxxa ta' tniġġis fuq il-karozza li kienet inkompatibbli mad-dritt tal-Unjoni impossibbli fil-prattika jew eċċessivament diffiċli li jiġi inforzat.

36. Ta' min jiftakar li d-deċiżjoni ġudizzjarja li kienet tifforma ostakolu għar-restituzzjoni tat-taxxa ta' tniġġis, u li kienet ittieħdet qabel id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza Tatu (C-402/09, EU:C:2011:219) kienet ingħatat minn qorti ta' appell ċivili (Tribunalul Sibiu) fi proċedura ċivili bħala riżultat ta' appell tal-Istat Rumen kontra s-sentenza ċivili tal-ewwel istanza mogħtija mill-Judecătoria Sibiu. Il-proċeduri ewlenin qed iseħħu wkoll fl-istess qorti ta' appell ċivili, jiġifieri t-Tribunalul Sibiu.

37. Il-Kummissjoni tinnota fl-osservazzjonijiet bil-miktub tagħha li azzjonijiet bħal dawn tqajmu fir-Rumanija kemm quddiem qrati amministrattivi kif ukoll quddiem qrati ċivili. Minħabba dan, huwa sorprendenti li, waqt is-seduta, il-gvern Rumen sostna li *qrati ċivili kienu assolutament inkompetenti sabiex jisimgħu kawżi bħal dawn*, u kull qorti ċivili Rumena li tagħmel hekk ikollha s-setgħa jew anki l-obbligu li tqajjem il-kwistjoni tal-kompetenza tagħha *ex officio*.

28 — Sentenza Test Claimants in the Franked Investment Income Group Litigation (C-362/12, EU:C:2013:834), punti 31 u 32.

29 — It-tqassim tal-kompetenzi bejn tribunali amministrattivi u fiskali u awli amministrattivi u fiskali ta' qrati tal-appell li jaqtgħu kawżi fl-ewwel istanza huwa stabbilit fl-Artikolu 10 tal-Liġi Nru 554/2004 dwar proċeduri amministrattivi.

30 — L-Artikoli 21(4), 113, 175 u 188 tal-Kodiċi ta' Proċedura Fiskali.

31 — Ara l-punt 20, iktar 'il fuq.

32 — Il-fajls tal-kawża ma jindikawx id-data li fiha kienu istitwiti l-proċeduri.

38. Għalhekk, kien hemm b'mod ċar ċertu konfużjoni dwar il-proċedura ġudizzjarja korretta applikabbli għall-irkupru tat-taxxa inkwistjoni f'dan il-każ[33]. Hi x'inhi l-proċedura korretta llum, jibqa' l-fatt li s-sentenza ċivili (Rumena) finali (id-deċiżjoni Nru 401/2008 tat-Tribunalul Sibiu) li ċaħdet l-irkupru tal-parti tat-taxxa speċjali fuq vettura bil-mutur, li tikkorrispondi għat-taxxa ta' tniġġis, hija *res judicata*. Dan hu li ħoloq din il-problema legali.

39. Hemm lok għal dubju, għalhekk, li dwaru qrati Rumeni għandhom (jew kellhom) is-setgħa jisimgħu talbiet għal irkupru ta' taxxa ta' tniġġis fuq karozzi miġbura illegalment fiż-żmien rilevanti. Nikkonkludi li d-dritt Rumen ma kienx ċar f'dan ir-rigward. Hemmhekk tinsab il-problema, partikolarment fir-rigward tal-Artikolu 47 tal-Karta.

### 3. L-Artikolu 47 tal-Karta u d-dritt għal rimedju effettiv

40. L-Artikolu 47(1) tal-Karta jgħid li kull persuna li jkollha d-drittijiet u l-libertajiet iggarantiti mid-dritt tal-Unjoni miksura għandha d-dritt għal rimedju effettiv quddiem qorti skont il-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu[34]. Skont l-ispjegazzjonijiet li hemm mal-Artikolu 47, l-ewwel punt jinkludi d-dritt għal rimedju effettiv u huwa bbażat fuq il-protezzjoni, iżda jmur lil hinn minnha, li hija mogħtija skont l-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (KEDB)[35]. Ninnota wkoll li, skont l-Artikolu 52(3) tal-Karta, sa fejn id-drittijiet li hemm fiha jikkorrispondu għad-drittijiet iggarantiti mill-KEDB, it-tifsira u l-ambitu ta' dawn id-drittijiet għandhom ikunu l-istess bħal dawk stabbiliti mill-KEDB, għalkemm l-Unjoni ma hijiex miżmuma milli tipprovdi protezzjoni iktar estensiva.

41. Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem dwar l-Artikolu 6(1) KEDB, sistemi ta' stħarriġ ġudizzjarju għandhom ikunu "biżżejjed koerenti u ċari" sabiex jagħtu "dritt ta' aċċess prattiku, effettiv" għal qorti[36]. Jekk ir-regoli jkunu ta' "kumplessità tali" li joħolqu "inċertezza legali", allura jkun hemm ksur tal-Artikolu 6(1)[37]. Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem irriteniet ukoll li rimedji ġudizzjarji għandhom ikunu "biżżejjed attenwati b'salvagwardji sabiex ikun evitat li l-proċeduri għall-użu ta' rimedji disponibbli ma jinftehmux ħażin."[38] Barra dan, rekwiżit proċedurali li ma jiġix interpretat b'mod raġonevoli jista' jġib miegħu ksur ta' dritt ta' aċċess għal qorti[39]. Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem dan l-aħħar tenniet li "l-awtoritajiet għandhom josservaw u japplikaw leġiżlazzjoni domestika b'mod prevedibbli u konsistenti" u "l-elementi preskritti għandhom ikunu żviluppati u trasparenti biżżejjed fil-prattika sabiex jipprovdu ċertezza legali u proċedurali."[40] Regoli proċedurali għandhom iservu l-għanijiet taċ-ċertezza legali u tal-amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja. Dawn ma għandhomx "jifformaw xorta ta' barriera li ma tħallix lil-litigant milli jkollu l-kawża tiegħu jew tagħha maqtugħa fil-mertu mill-qorti kompetenti"[41].

33 — Waqt is-seduta, D, C. Târşia sostna li l-inċertezza kienet iċċarata minn deċiżjoni tal-Qorti Għolja tal-Kassazzjoni Rumena fid-Deċiżjoni 24/2011 qabel ma huwa istitwixxa l-proċeduri għat-tieni darba fejn fittex li jistrieħ fuq l-eċċezzjoni ta' *res judicata*, iżda wara l-azzjoni inizjali miġjuba abbażi tal-ħlas tat-taxxa speċjali fuq vetturi bil-mutur.

34 — L-Artikolu 47 tal-Karta jżid protezzjoni rimedjali iktar speċifika, bħal rekwiżit li s-smigħ ikun ġust, pubbliku, isir fi żmien raġonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali stabbilit mil-liġi, li d-drittijiet tad-difiża jkunu osservati, u li jkun hemm għajnuna legali.

35 — L-ispjegazzjonijiet ikomplu jgħidu li t-tieni paragrafu tal-Artikolu 47, li jinkludi, *inter alia*, li s-smigħ ikun ġust, jikkorrispondi għall-Artikolu 6(1) KEDB.

36 — De Geouffre de la Pradelle vs Franza, 16 ta' Diċembru 1992, § 35, Serje A Nru 253-B.

37 — *Ibid*, punt 33. Ara wkoll Maširević vs Is-Serbja, Nru 30671/08, § 48, 11 ta' Frar 2014.

38 — Bellet vs Franza, 4 ta' Diċembru 1995, § 37, Serje A Nru 333-B.

39 — Běleš *et* vs Ir-Repubblika Ċeka, Nru 47273/99, §§ 50 u 51, ECHR 2002-IX. Omerović vs Il-Kroazja (Nru 2), Nru 22980/09, § 39, 5 ta' Diċembru 2013, fejn il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li "interpretazzjoni partikolarment stretta ta' regola proċedurali tista' ċċaħħad rikorrent mid-dritt ta' aċċess għal qorti".

40 — Maširević vs Is-Serbja, Nru 30671/08, § 50, 11 ta' Frar 2014, u l-ġurisprudenza ċċitata. Din il-kawża tikkonċerna l-interpretazzjoni minn Qorti Suprema ta' regola proċedurali li wasslet għal inċertezza legali, anki għal prattikanti legali. Ara b'mod partikolari l-punt 51.

41 — Omerović vs Il-Kroazja (Nru 2), Nru 22980/09, § 39, 5 ta' Diċembru 2013.

42. Barra dan, għandu jiġi mfakkar li skont il-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, "[i]ċ-ċertezza legali tikkostitwixxi prinċipju ġenerali tad-dritt tal-Unjoni Ewropea li jeħtieġ, b'mod partikolari, li leġiżlazzjoni li tinvolvi konsegwenzi sfavorevoli fir-rigward ta' individwi tkun ċara u preċiża *u l-applikazzjoni tagħha tkun prevedibbli għall-persuni suġġetti għaliha*." (Enfasi tiegħi.) [42]

43. Fl-opinjoni tiegħi, u fid-dawl ta' dak li ntqal iktar 'il fuq, in-nuqqas ta' ċarezza dwar il-proċedura ġudizzjarja korretta applikabbli għall-irkupru ta' taxxi miġbura bi ksur tad-dritt tal-Unjoni jista' jwassal għal ksur tal-Artikolu 47 tal-Karta, kemm f'termini tad-dritt għal rimedju effettiv, kif ukoll għal aċċess għall-ġustizzja. Dan ikun iktar il-każ jekk *deċiżjoni mogħtija minn qorti ċivili assolutament mhux kompetenti tkun tista' toħloq res judicata*, jiġifieri li tipprekludi li titressaq azzjoni ulterjuri għal irkupru quddiem il-qorti kompetenti, kemm jekk dik tkun qorti ċivili jew qorti amministrattiva. Fl-opinjoni tiegħi, hija l-qorti tar-rinviju nazzjonali f'din il-kawża li għandha tagħmel l-analiżi tad-dritt proċedurali Rumen kollu kemm hu f'termini ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva fir-rigward tal-irkupru ta' taxxi ta' tniġġis imħallsa indebitament fuq vetturi bil-mutur [43].

4. Il-liġijiet proċedurali Rumeni rilevanti jagħmlu l-irkupru tat-taxxa ta' tniġġis impossibbli fil-prattika jew eċċessivament diffiċli?

44. Il-Qorti tal-Ġustizzja konsistentement irriteniet li "kull każ fejn tqum il-kwistjoni dwar jekk dispożizzjoni proċedurali nazzjonali trendix impossibbli jew eċċessivament diffiċli l-eżerċizzju mill-partijiet f'kawża tad-drittijiet li [jinsiltu] mill-ordinament ġuridiku tal-Unjoni għandu jiġi analizzat billi jittieħed inkunsiderazzjoni r-rwol ta' din id-dispożizzjoni fil-proċedura kollha, l-iżvolġiment u l-partikolaritajiet tagħha, quddiem id-diversi istanzi nazzjonali. F'din il-perspettiva, hemm lok li jittieħdu inkunsiderazzjoni l-prinċipji li fuqhom huwa msejjes l-ordinament ġuridiku nazzjonali, bħalma huma l-protezzjoni tad-drittijiet tad-difiża, il-prinċipju ta' ċertezza legali u l-iżvolġiment korrett tal-proċedura" [44].

45. Hawnhekk, jeħtieġ l-ewwel nett li jiġi nnotat li jidher li l-qorti nazzjonali u l-partijiet kollha li ppreżentaw osservazzjonijiet qed jassumu li l-Artikolu 21(2) tal-Liġi Nru 554/2004 ma jistax jiġi applikat fi proċeduri ċivili. Jidhirli li dan huwa loġiku, sakemm id-dritt proċedurali Rumen jagħmel distinzjoni netta bejn forom differenti ta' proċeduri ġudizzjarji. F'każ bħal dan, ma jkunx hemm skop għall-interpretazzjoni ta' dispożizzjonijiet li jiddefinixxu l-kamp ta' applikazzjoni tal-Liġi Nru 554/2004 b'mod li jgħin l-applikazzjoni tagħha minn qrati ċivili f'tilwimiet li jkunu *ratione materiae* tax-xorta tad-dritt amministrattiv jew fiskali. Madankollu, kieku kien jeżisti tali marġni, allura l-qorti tar-rinviju nazzjonali kienet tkun obbligata tinterpreta r-regoli nazzjonali rilevanti b'tali mod li dawn jikkontribwixxu sabiex tinkiseb il-konformità mad-dritt tal-Unjoni [45].

46. Huwa l-kompitu tal-qorti tar-rinviju nazzjonali li tagħmel l-analiżi ta' jekk ir-regoli Rumeni inkwistjoni jagħmlux l-irkupru tat-taxxa ta' tniġġis miġbura b'mod inkompatibbli mad-dritt tal-Unjoni impossibbli fil-prattika jew eċċessivament diffiċli sabiex ikun inforzat. Huwa suffiċjenti li jiġi nnotat, madankollu, li jidher li l-konfużjoni dwar jekk wieħed setax jirrikorri għal rimedji ċivili jew amministrattivi għall-irkupru tat-taxxa ta' tniġġis fuq karozzi kellha dak l-effett.

42 — Sentenza Akzo Nobel Chemicals u Akcros Chemicals vs Il-Kummissjoni (C-550/07 P, EU:C:2010:512), punt 100 u l-ġurisprudenza ċċitata.

43 — Madankollu, niftakar li fil-punt 60 tas-sentenza DEB (C-279/09, EU:C:2010:811), il-Qorti tal-Ġustizzja rriteniet li l-prinċipju ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva huwa suġġett għal limitazzjonijiet raġonevoli. Sentenza DEB (EU:C:2010:811), punt 60.

44 — Sentenza Surgicare - Unidades de Saúde (C-662/13, EU:C:2015:89) punt 28 u l-ġurisprudenza ċċitata.

45 — Pereżempju s-sentenza Impact (C-268/06, EU:C:2008:223), il-punt 54.

5. Il-prinċipji tal-ekwivalenza u tal-ugwaljanza f'għajnejn il-liġi

47. D. C. Târşia jikkontendi li l-esklużjoni tal-applikazzjoni tal-eċċezzjoni li tinsab fl-Artikolu 21(2) tal-Liġi Nru 554/2004 għal *res judicata* minn proċeduri ċivili tkun inkompatibbli kemm mal-ugwaljanza f'għajnejn il-liġi, kif riflessa fl-Artikolu 20 tal-Karta, kif ukoll mal-prinċipju ta' ekwivalenza.

48. Il-konformità mal-prinċipju ta' ekwivalenza teżiġi li r-regola nazzjonali inkwistjoni tkun tapplika mingħajr distinzjoni għal azzjonijiet ibbażati fuq *il-ksur tad-dritt tal-Unjoni* u għal dawk ibbażati fuq *il-ksur tad-dritt nazzjonali* li jkollhom skop u kawżalità simili[46].

49. Kif naħsibha jiena, dan ifisser li d-dritt tal-Unjoni ma jkollu ebda oġġezzjoni, fil-kuntest tal-prinċipju ta' ekwivalenza, għad-dritt Rumen li jipprovdi eċċezzjoni għal *res judicata* fi proċeduri amministrattivi li jikkonċernaw id-dritt tal-Unjoni, u mhux fi proċeduri ċivili li jikkonċernaw l-istess suġġett. Il-prinċipju ta' ekwivalenza jeżiġi trattament ugwali bejn talbiet paragunabbli bbażati fuq id-dritt nazzjonali, min-naħa l-waħda, u fuq id-dritt tal-Unjoni, min-naħa l-oħra, mhux ekwivalenza bejn forom differenti ta' proċedura skont id-dritt nazzjonali[47].

50. F'kull każ, motivi mhux identiċi għal devjazzjoni mill-prinċipju ta' *res judicata* jkunu raġonevoli fil-każ ta' sentenzi ċivili, kriminali u amministrattivi finali[48]. L-effett ta' dawn is-sentenzi huwa differenti, u hekk huwa wkoll it-tħassib dwar politika legali rilevanti għal definizzjoni ta' eċċezzjonijiet (jekk ikun hemm) għal *res judicata*. Fil-każ ta' sentenzi ċivili, iċ-ċertezza legali u l-istabbiltà ta' relazzjonijiet legali kkonfermati minn sentenza li tkun saret finali huma tal-ikbar importanza. B'kuntrast, il-kundizzjonijiet għal reviżjoni ta' sentenza kriminali fl-interess ta' persuna kkundannata ħażin ma għandhomx ikunu ħorox iżżejjed. Fid-dritt amministrattiv, l-interess għall-protezzjoni tad-drittijiet ta' individwi u l-prinċipju tal-interessi tal-legalità jistgħu jiġġustifikaw pożizzjoni iktar flessibbli għal reviżjoni ta' sentenzi finali milli fil-każ ta' sentenzi ċivili.

51. Għalhekk, is-suġġeriment ta' D. C. Târşia li ż-żamma tal-eċċezzjoni għal *res judicata* biss għal proċeduri amministrattivi li jirrigwardaw id-dritt tal-Unjoni hija inkompatibbli mal-ugwaljanza f'għajnejn il-liġi hija infondata. Niftakar li jista' jkun hemm trattament inugwali f'għajnejn il-liġi biss jekk is-sitwazzjonijiet rilevanti jkunu paragunabbli[49]. Dan ma huwiex il-każ sa fejn għandhom x'jaqsmu l-motivi sabiex jiġu annullati sentenzi ċivili u amministrattivi finali. F'sitwazzjonijiet fejn ikun hemm sentenza sussegwenti tal-Qorti tal-Ġustizzja li tagħmel dispożizzjoni nazzjonali inkompatibbli mad-dritt tal-Unjoni, jista' jkun hemm ġustifikazzjoni sabiex tiġi annullata deċiżjoni finali skont id-dritt amministrattiv bi ħsara għal awtorità ta' Stat Membru, iżda jista', għal raġunijiet ta' ċertezza legali, ma jkunx sewwa li tiġi annullata sentenza ċivili finali li tiddetermina relazzjoni skont id-dritt privat bejn żewġ individwi. Għalhekk, bħala soluzzjoni leġiżlattiva tax-xorta li hemm fir-Rumanija, il-fatt li jkun hemm din il-possibbiltà fi proċeduri amministrattivi iżda din tkun eskluża fi proċeduri ċivili, ma jmurx bħala tali kontra l-prinċipju ta' ugwaljanza f'għajnejn il-liġi.

46 — Sentenza Surgicare - Unidades de Saúde (C-662/13, EU:C:2015:89), punt 30.

47 — Sentenza ÖBB Personenverkehr (C-417/13, EU:C:2015:38), punt 74.

48 — Jidher, skont is-sorsi disponibbli, li kważi l-atti legali nazzjonali kollha fl-Unjoni ma jipprovdux motivi identiċi għal eċċezzjonijiet għal *res judicata* fi proċeduri ċivili, kriminali u amministrattivi.

49 — Niftakar li l-prinċipju ta' trattament ugwali, li n-natura fundamentali tiegħu hija stabbilita bl-Artikolu 20 tal-Karta, jeżiġi li sitwazzjonijiet paragunabbli ma għandhomx ikunu ttrattati b'mod differenti u li sitwazzjonijiet differenti ma għandhomx ikunu ttrattati bl-istess mod sakemm trattament bħal dan ma jkunx iġġustifikat oġġettivament. Ara s-sentenza Chatzi (C-149/10, EU:C:2010:534), il-punti 63 u 64 u l-ġurisprudenza ċċitata.

52. Madankollu, l-ugwaljanza f'għajnejn il-liġi hija regola differenti mill-prinċipju ta' ekwivalenza. Kif innotat fl-osservazzjonijiet bil-miktub tal-Kummissjoni, jekk id-dritt Rumen jipprovdi wkoll eċċezzjoni għal *res judicata* fid-dawl ta' ġurisprudenza sussegwenti tal-Qorti Kostituzzjonali li tikkontesta l-korrettezza ta' deċiżjonijiet ġudizzjarji preċedenti (u li taqsam il-ġurisdizzjonijiet domestiċi kollha)[50], allura l-prinċipju ta' ekwivalenza jista' verament jiddetta li l-istess għandu jiġi applikat għal deċiżjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar id-dritt tal-Unjoni[51].

53. Filwaqt li nammetti li dan jista' jwassal id-diskussjoni sabiex toħroġ mill-ambitu tat-talba għal deċiżjoni preliminari[52], fl-opinjoni tiegħi, ma jkunx hemm konformità mal-prinċipju ta' ekwivalenza jekk deċiżjoni sussegwenti tal-Qorti Kostituzzjonali nazzjonali tista' twassal għal reviżjoni ta' sentenza ċivili finali preċedenti, u b'hekk tgħin sabiex ikun jista' jsir irkupru ta' taxxa miġbura indebitament fejn sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja ma tkunx tista' tagħmel dan. F'sitwazzjoni bħal din, drittijiet ibbażati fuq il-kostituzzjoni nazzjonali jgawdu iktar protezzjoni mid-drittijiet li joriġinaw mid-dritt tal-Unjoni, u b'hekk dawn tal-aħħar ma jgawdux protezzjoni ekwivalenti għal dik li tgawdi din il-kategorija ta' drittijiet ibbażati fuq id-dritt nazzjonali. Nuqqas ta' simetrija simili tipprevali, skont l-Artikolu 322(9) tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili Rumena, fir-rigward tal-effetti ta' sentenzi tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem meta mqabbla ma' dawk tas-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja.

## V – **Konklużjoni**

54. Fid-dawl tal-analiżi ta' hawn fuq, nipproponi r-risposta li ġejja għad-domanda preliminari mit-Tribunalul Sibiu:

"L-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u l-prinċipju ta' effettività stabbilit fil-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, ma jipprekludux regoli nazzjonali li jippermettu reviżjoni ta' deċiżjonijiet ġudizzjarji nazzjonali mogħtija fi proċeduri amministrattivi meta jkun hemm ksur tal-prinċipju tas-supremazija tad-dritt tal-Unjoni Ewropea u li ma jippermettux reviżjoni fuq l-istess bażi ta' deċiżjonijiet ġudizzjarji nazzjonali mogħtija fi proċeduri ċivili. Dan huwa suġġett għall-kundizzjoni li jkun hemm ċarezza biżżejjed dwar liema tkun il-proċedura korretta sabiex jiġi rrimedjat il-ksur tad-dritt tal-Unjoni inkwistjoni, u sentenza finali ta' qorti li jkun missha *ex officio* stabbilixxiet l-inkompetenza tagħha ma tistax tipprekludi li jintalab rimedju minn qorti kompetenti.

Il-prinċipju ta' ekwivalenza jipprekludi regoli nazzjonali li jippermettu reviżjoni ta' deċiżjonijiet ġudizzjarji nazzjonali meħuda fi proċeduri ċivili minħabba sentenza sussegwenti tal-Qorti Kostituzzjonali nazzjonali jew tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, iżda li ma jippermettux dan fir-rigward ta' sentenza sussegwenti tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.

50 — Niftakar li dan ir-riżultat isegwi mill-Artikolu 322(10) tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili li huwa bħall-Artikolu 21(1) tal-Liġi Nru 554/2004 applikabbli wkoll fi proċeduri amministrattivi.

51 — Il-Kummissjoni tirreferi hawnhekk għas-sentenza Weber's Wine World *et* (C-147/01, EU:C:2003:533).

52 — Niftakar li, skont il-ġurisprudenza stabbilita, il-Qorti tal-Ġustizzja tista', fir-risposta tagħha għal domanda preliminari, tqis id-dispożizzjonijiet kollha rilevanti tad-dritt tal-Unjoni, anki jekk ma jkunux issemmew mill-qorti tar-rinviju nazzjonali. Ara pereżempju s-sentenza Efir (C-19/12, EU:C:2013:148), il-punt 27.